# L-unuri fil-*Malta Music Awards*

minn **Noel D'Anastas** – *Ritratti: Gino Galea*

Fuq l-istess palk li nżamm il-*Malta Eurovision Song Contest* fil-jumejn ta' qabel, nhar il-Ħadd li għadda 3 ta' Frar saret is-17-il edizzjoni tal-*Malta Music Awards.*

Folla numeruża, l-aktar żgħażagħ u adolexxenti, attendew għal dan l-avveniment prestiġjuż fejn bosta artisti ġew ippremjati għall-kontribut tagħhom fix-xena mużikali fix-xhur li għaddew.

L-ispettaklu, li kellu preżentazzjoni ta' Keith Demicoli u Mandy Micallef Grimaud, inkluda wkoll l-attrazzjoni ta' whud mill-aqwa esponenti lokali li għamlu l-lejla waħda indimentikabbli, fosthom Ira Losco, Stalko, Red Electrick, Monroe, Ylenia Vella, Brooke, Hooligan, Klinsman Coleiro, Duo Blank u Gianluca Bezzina li fil-lejla ta' qabel rebaħ id-dritt li jirrappreżenta lil Malta fil-Eurovision Song Contest, fl-Iżvezja, bil-kanzunetta *Tomorrow*.

Peter Andrè, li kiseb bosta suċċessi l-aktar fis-snin disgħin, kien il-mistieden ta' fama internazzjonali li barra li ngħata tislima b'*award* internazzjonali, ta wirja tajba bi tliet kanzunetti.

Iċ-ċkejkna Gaia Cauchi, li kienet qed tidher regolarment fil-programm *Ti Lascio Una Canzone* fuq Rai Uno, u rebbieħa tal-Junior Sanremo, ingħatat l-*International Achievement Award.*

Duo Blank li kienu fost il-pijunieri tal-mużika elettronika f'Malta aktar minn għoxrin sena ilu kienu rikonoxxuti għall-karriera tagħhom.

Il-lista tar-rebbieħa f'din l-aħħar edizzjoni hi kif ġej:
Best Song: *Paul* – Red Electrick
Best Album: *The Traveller* – Tribali
Best Video: *What I'd give* – Ira Losco
Best Solo Artist: Brooke
Best Band: Red Electrick
Best New Artist Award: Stalko
Best Metal Band: Beheaded
Best Hip Hop/Rnb: Hooligan
Career Recognition Award: Duo Blank
International Achievement Award: Gaia Cauchi
Kompetizzjoni Aġenzija Żgħażagħ: Ylenia Vella



Peter Andrè (fin- nofs), mistieden speċjali ta' fama internazzjonali f'din l-edizzjoni tal-Malta Music Awards



Ylenia Vella



Il-preżentataturi Keith Demicoli u Mandy Micallef

